

# In hoc signo vinces

## – Storja tas-Slaleb u l-Kurċifissi fl-Għasri –

minn Toni Calleja

**Daħla**

Lejn l-aħħar ta' Settembru, il-bidu ta' Ottubru 2009, il-popli tal-Ewropa kienu xxukkjati bid-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem li tipprojbixxi l-Kurċifiss mill-klassi/jiet ta' ċerta skola/skejjel fl-Italja. Din id-deċiżjoni ġiet wara pretest ta' Soile Lautsi, mara Finlandiża ta' nazzjonalità Taljana, ateista dikjarata, li l-Kurċifiss fil-klassi/jiet ta' wliedha kien qed ikun ta' ma nafx liema inkonvenjent! Intant, il-Gvern Taljan appella mis-sentenza. Il-Gvern Malti, bi qbil unanimu mal-Oppożizzjoni, skont kif tħabbar fis-Seduta Parlamentari tad-9 ta' Marzu 2010, ġa talab permess lill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali biex jintervjeni fis-smigħ tal-appell imressaq mill-Italja. Fl-istess seduta, fi stqarrija ministerjali, il-Prim Ministru, Dr Lawrence Gonzi, spjega li din is-sentenza ma torbotx lil pajjiżna, iżda daqstant ieħor, l-eżitu finali ta' din il-kawża jista' jkollha effetti legali wiesgħa aktar 'il quddiem.



Gian Battista Conti - Italia

Din is-sentenza mhux talli hija waħda kerha fiha nnifisha, imma li jekk tiġi esegwita tista' sservi ta' preċedent li permezz tiegħu jkollhom jitneħħew is-simboli reliġjużi mill-postijiet pubbliċi kollha. Il-Musulmani dan il-biża' jarawh ukoll u perkonsegwenza lanqas qablu mad-deċiżjoni tal-Qorti dwar il-Kurċifissi. Ir-raġuni ma tridx forza, u kien ferm għaqli ukoll il-Vatikan, li f'Diċembru tal-istess sena ma qabilx lanqas mar-riżultat tar-referendum fl-Awstrija li ma jinbnewx aktar minaretti mal-moskei mnejn joħroġ il-widdien isejjaħ lill-misilmin għat-talb.

**Is-Salib**

Fil-bidu s-salib kien xi ħaġa tal-mistħija għax fuqu kienu jintrabtu jew jissammru ħallelin u qattelin, u hekk jitħallew fit-turmenti sal-mewt. Imma minn meta dan serva ta' forka li fuqha l-Lhud sallbu u taw il-mewt lil Sidna Ġesù Kristu wara l-kundanna tas-Sanhedrin, dan il-konċett inbidel kompletament: is-salib sar element u simbolu ewlieni tal-Fidwa. Hekk kif il-mewt daħlet minn fuq is-siġra l-ipprojbità, issa l-istess mewt intrebħet minn fuq is-siġra tas-SALIB.

Mill-mewt ta' Kristu 'il quddiem, is-salib sar simbolu għażiż ta' kull Kristjan. Fil-bidu tal-Knisja, minħabba l-persekuzzjoni tal-Insara, l-għelm tas-salib kien ikollu jinżamm mistur u minflok kienu jużaw is-simblu tal-ħuta: l-*ichthys*,(1) jew l-ankra. Nistgħu ngħidu li l-għelm tas-Salib ħareġ fil-beraħ fis-sena 313 w.K – is-sena tal-libertà u tal-paċi mogħtija lill-Knisja mill-Imperatur Kostantinu wara r-rebħa fuq il-Massenzio permezz tas-Salib li dehirlu jiddi fis-sema b'kitba taħtu li tgħid: ***In hoc signo vinces,*** jiġifieri "B'dan is-sinjal tirbaħ".

## L-eqdem Kurċifissi fl-Għasri

Kurċifissi qodma ħafna, antiki,[2] fl-Għasri nsibu tlieta: *i)* Kurċifiss bi Kristu mejjet,[3] f'kamra annessa mas-sagristija tal-Knisja Bażilika tal-Madonna tal-Patroċinju ***(ara ritratt nru 1).*** Is-salib tal-injam ta' dal-kurċifiss fih xi 90 ċentimetru u l-korp hu tat-tafal. Jingħad li hu xogħol ta' ċertu Ajk Kapuċċin.[4] Skont informazzjoni mogħtija lili mir-Rettur attwali, Dun Ġużepp Zammit (1966-....), dan il-kurċifiss kien akkwistat fil-bidu tar-rettorat tiegħu mid-dar tal-Familja ta' Mikiel Attard (*il-Ħawli*: 1866-1953) ta' Triq il-Ġonna.

Din id-dar hija waħda antika ħafna; fiż-żmien kienet ta' Toni Cini (1619-16??) bin Indrija u Dirjana; ġa armel ta' Marija Teuma (iżżewwiġha fid-19 ta' Awwissu 1640); żewġ Speranza Zahra (iżżewwiġha fil-10 ta' Novembru 1660). F'did-dar għexu żewġ qassisin: il-Kan. Dun Mattew Cini (1644-1712) bin Toni, u nepputih Dun Anton (16??-1751). Din il-familja kienet il-proprjetarja tal-Kappella ta' Santa Marija hekk magħrufa bħala 'ta' Indrì Cini' (in-nannu ta' Dun Mattew), u aktar tard bħala sempliċement 'tal-Għasri'. Fil-viżti pastorali tissemma' l-ewwel darba fl-1608, però minn imkejjen oħra nafu li nbniet qabel il-miġja tal-Kavallieri, allura qabel l-1530. Kienet ipprofanata fl-1657. Hemm indikazzjonijiet b'saħħithom biżżejjed li jġagħluna naħsbu li l-Knisja Bażilika tal-Patroċinju, dik attwali, hija appuntu mibnija flok l-imsemmija kappella 'Ta' Cini'. Nistaqsu: tgħid dal-Kurċifiss għadux ġej minn ta' xi esponent tal-Familja Cini? Min jaf kienx ta' dik il-Knisja?

*ii)* Kurċifiss bi Kristu Agonizzant; salib u korp, kollox tal-injam; artistiku ħafna. In-naturalezza, l-espressjonijiet meraviljużi ta' wiċċ Kristu: id-dulur, in-niket u s-sofferenza, spontanjament iġagħluk tikkomparah ma' opri ta' Luigi Guacci, statwarju ċelebri minn Lecce li saħansitra għandu xogħol hawn Għawdex stess.

Is-salib fih ċirka 35 ċentimetru. Kien akkwistat mill-Viċendarju Dun Karm Caruana, naturalment qabel it-twaqqif tal-parroċċa, allura qabel l-1921, biex jitqiegħed f'idejn l-ewwel statwa ta' Santa Rita ***(ara ritratt nru 2).*** Kienu ġabuh minn għand Modesta (1858-1936) ta' Sqaq il-Knisja, armla ta' Mikiel Saliba, in-nanna ta' Patri Alfons Marija Camilleri.[5] Wara li l-imsemmija statwa ddeterjorat, u fl-1956 saret oħra ġdida bil-kurċifiss b'kollox minn Wistin Camilleri, il-kurċifiss tal-qadima beda jintuża biex jakkumpanja fit-trasport tal-mejtin mill-isptar sal-Għasri. Fi żmien il-parrokat ta' Dun Ġużepp Mintoff spiċċat l-użanza li għall-akkumpanjament mill-knisja saċ-ċimiterju jmur il-kleru kollu bis-salib b'kollox. Minflok beda jmur biss saċerdot wieħed u abbati b'kurċifiss tal-id; il-kurċifiss li qed insemmu. L-użu ta' dan il-kurċifiss partikulari għat-trasport tal-mejtin spiċċa kmieni fis-sena 2000. Fuq suġġeriment tiegħi, il-Kappillan Dun Ġużepp Cini ddeċieda li opra hekk artistika, aktar kien xieraq li tmur lura f'idejn Santa Rita milli tkompli tintuża kif kienet bil-periklu kollu li tinkiser u tintilef darba għal dejjem. Dik il-ħabta Santa Rita kienet għadha kemm ġiet restawrata bi preparazzjoni għaċ-ċelebrazzjoni tal-ewwel ċentinarju mill-kanonizzazzjoni tagħha: 1900-2000.

*iii)* Kurċifiss bi Kristu mejjet li llum jinsab fil-kuridur tas-sagristija tal-Knisja Parrokkjali ***(ara ritratt nru 3).*** Is-salib tiegħu fih xi 90 ċentimetru u l-korp huwa tal-kartapesta. Oriġinalment, dan il-Kurċifiss kien tal-pulptu tal-Bażilika tal-Wied li nifhmu li sar ġdid biex jiżżanżan fl-okkażjoni tal-ftuh u t-tberik mill-ġdid, wara t-tkabbir tal-imsemmija knisja, nhar is-Sibt, 5 ta' Ottubru 1754. Altrimenti mhux magħruf aħjar. Biss nistgħu ngħidu li fir-rapport tal-viżta pastorali tal-Isqof ta' Malta, il-Franċiż, Fra Pawlu Alferan de Bussan f'tal-Patroċinju, nhar l-24 ta' Settembru 1744, il-pulptu ma jissemmiex; allura nifhmu li kien għadu ma sarx!



1



2




3



4

Minħabba l-kundizzjoni ħażina tiegħu, il-pulptu tal-Wied kienu ilu snin ma jintuża tant li fil-Viżta Pastorali tas-27 ta' Novembru 1966, l-Isqof Ġużeppi Pace kkundannah u ordna t-tneħħija kemm tiegħu u kemm tal-konfessjonarju li kien eżatt taħtu. Din l-ordni kienet esegwita nhar it-Tnejn, 23 ta' April 1978.(6)

Forsi hawnhekk il-qarrej ġustament jistaqsi għaliex l-Isqof ordna l-ikkundannar tal-pulptu u mhux ir-restawr. Illum li hawn tant apprezzament għal dak kollu li hu antik, u sens qawwi fil-kultura tal-ikkonservar, att simili jurta ħafna nies. Biss kollox irid jittieħed fil-prespettiva ta' żmienu. Kien għadu kemm imtemm il-Konċilju Vatikan II (11 Ott 1962 - 08 Diċ 1965) u minħabba li fost ir-riformi liturġiċi mitluba kien hemm l-introduzzjoni tal-ambone, l-użu tal-pulptu kien ser ikun ridott drastikament. U dan naħsbu li kellu f'moħħu Mons Pace fl-azzjoni li ħa. Fil-gżejjer tagħna, saħansitra kien hemm knejjes li deliberatament neħħew il-pulptu minn jeddhom.

Aħna hawn l-Għasri wkoll kien ser ikorrilna biċċa! Il-kappillan ta' allura, Dun Ġwann Cini (1965–1969) bilfors ried jaqla' l-artal maġġur biex minflok jagħmel l-artal mejda. In-nies tal-Għasri kienu assolutament kontra li jsir dan għax waqt li l-liturġija l-ġdida veru kienet titlob li jsir l-artal mejda, il-Konċilju fl-ebda waqt ma ordna li jitneħħew l-artali l-maġġuri eżistenti. Dawk it-talin Għasrin li kienu kontra li ssir dil-ġennata, lill-Kappillan Cini kienu jgħidulu: "Konċilju u mhux konċilju, la ma qalgħuhx tal-Katidral lanqas naqalgħuh aħna; imbagħad meta jaqgħaluh tal-Katidral ukoll, aħna nerġgħu naraw!" Fil-fatt, tal-Katidral, l-artal maġġur baqgħu biex ma qalgħuh qatt! Jaħasra kieku l-kappillani, naturalment fejn ma jidħlux aspetti dottrinali u/jew loġistiċi, jaderixxu ruħhom għal xewqet il-parruċċani, l-armonija fil-parroċċa ma tiġi nieqsa qatt u jkun ferm aħjar għal kulħadd.

Intant, il-pulptu tal-Patroċinju, il-Kurċifiss l-aħjar li kien fih. Ġiet sena minnhom, fi żmien il-parrokat ta' Dun Karm Vella (1951-1965), fl-istess żmien ukoll Rettur tal-Benefizzju tal-Wied, li anki dan tneħħielu u ttella' għal xi użu fil-'Knisja ta' Fuq'. M'jiniex ċert, imma mhux għaġeb li ttella' fil-Parroċċa għall-Ġimgħa l-Kbira tal-1956. F'dik is-sena, il-funzjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira kienu ċelebrati skont ir-riforma l-ġdida. Nifhem li dawn ir-riformi kienu jirrikjedu l-użu ta' xi Kurċifiss ieħor barra milli ġa kien hemm u s-soluzzjoni l-aktar faċli kienet li jtellgħu tal-pulptu tal-Patroċinju!

Matul is-snin, fil-funzjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira, saru diversi riformi li sfortunatament tellfu ħafna mill-qawwa u s-sbuħija tas-simboliżmu tagħhom. B'dan il-mod il-poplu beda jinsa t-tifsir teoloġiku u reliġjuż ta' dawn il-funzjonijiet u baqa' x'aktarx fuq is-sentimentaliżmu. Allura saru laqgħat ta' studji liturġiċi nazzjonali u internazzjonali fuq riforma ġenerali. Speċjalment fost dawn ta' min isemmi l-Ġimgħa Liturġika Internazzjonali ta' Lugano, f'Settembru 1953, li għaliha kienu preżenti bosta kardinali, isqfijiet u l-krema tal-istudjużi liturġiċi mondjali. U r-riforma ġiet. Fis-16 ta' Novembru 1955 il-Kongregazzjoni tar-Riti ħarġet id-digriet *Maxima Redemptionis Nostrae Misteria* li bih il-funzjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira ġew irtukkati f'xi partijiet u poġġuti fil-ħin naturali tagħhom, jiġifieri wara nofsinhar. Għal dak iż-żmien dir-riforma kienet meqjusa bħala att ta' importanza kbira komparat biss ma' dawk imwettqa tul il-Pontifikat ta' San Piju V (1566-1572).

## Slaleb antiki

Fl-Għasri jeżistu, jew kienu, għax illum m'għadhomx, diversi slaleb antiki, ilkoll bl-istorja interessanti tagħhom. Dawn is-slaleb nistgħu nikklassifikawhom fi tnejn: *i)* dawk li saru bi skop ta' indikazzjoni tal-mewt ta' xi ħadd u hekk iqanqlu l-ħniena ta' min

ikun għaddej u jisiltu minn fommu xi talba b'suffraġju ta' ruħhom; u *ii)* dawk li jkunu twaqqfu biex iservu ta' manbar għal xi lok qaddis jew bħala tifkira ta' xi avveniment storiku. Hawnhekk aħna ser nitkellmu biss minn dawn tat-tieni. Dwar tal-ewwel niktbu f'xi ħarġa oħra meta fi ħsiebna nittrattaw kull għelm pubbliku fir-raħal intenzjonat li jqanqal devozzjoni.

F'raħalna, slaleb antiki bi storja nsibu tlieta: *i)* Salib skolpit f'ħajt ta' għalqa fit-triq il-qadima tal-Għasri għar-Rabat. Sa ċirka nofs is-seklu sbatax (1650 +jew-) fit-tali triq kien hemm knisja ddedikata lill-Madonna tal-Lunzjata. Il-post fejn kienet għadu magħruf b'tal-Lunzjata sa llum. In-nies tal-Għasri huma u ħerġin u deħlin ir-Rabat, kienet issellem lill-Madonna b'Salvereġina. Meta l-knisja ġġarfet, xi ħadd ħa ġebla b'xi salib imnaqqax fiha, jew għall-bżonn naqqax wieħed, u inkludieh fil-ħajt tat-triq biex din id-drawwa qaddisa ma tinqeridx. Flien li kiteb fid-*Devot ta' Marija* fl-1896 jgħidilna li das-salib ma kienx għadu aktar. Il-kittieb jissokta jgħidilna li: "jixraq min jerġa' jqigħdu biex ifakkar lin-nies li għad jiġu f'din il-prattika devota".[7]

Dan l-aħħar kelli nsir naf li fl-1992 tliet studenti Għawdxin mill-Kors tal-Arkeoloġija, minn ħajt tas-sejjiegħ ta' mandra li jagħti għat-triq f'Wied Sara, elevaw salib minqux fuq ġebla antika.[8] Fuq stedina ta' George Azzopardi, Uffiċċjal tal-*Heritage Malta* f'Għawdex, nhar il-Ħamis 18 ta' Marzu 2010, jien mort rajt dil-ġebla li tinsab ikkonservata fl-*istores* tal-Mużew tal-Arkeoloġija taċ-Ċittadella. Is-salib hu irsaltatura fuq wiċċ samrott tal-ġebel tal-franka ta' prima kwalità li x'aktarx kien iċ-ċavi ta' ħnejja bil-maskarun. Mill-grassijiet tas-samrott, jekk kienet kumpass/taċ-ċentru, il-ħnejja ma setgħetx kienet akbar minn metru. Anki d-daqs mislut u baxx tas-samrott ma jindikax xort'oħra! Is-salib għandu xeħta ta' wieħed medjuevali, u bħala disinn huwa minn dawk popolarment magħrufa bħala tal-balal, minħabba li l-erbat itruf tiegħu u ċ-ċumbatura ċentrali jispiċċaw f'massa ċirkolari ***(ara ritratt nru 4).***

Min jaf dan is-salib kienx parti mill-istruttura tal-Knisja tal-Lunzjata u li meta ġġarfet sab postu fil-ħajt tat-triq? U jekk iva x'setgħet kienet ir-raġuni li fl-1896 inqala' mill-ħajt f'Tal-Lunzjata u spiċċa f'ħajt ieħor Wied Sara? Jekk tassew ġara hekk, bilfors kien hemm xi raġuni valida. Ma naħsibx li kien hemm xi ħadd m'għandux x'jagħmel li fettillu jżarma artal biex jarma ieħor! Dak iż-żmien ħadd ma kien jazzarda jiċċajta bi ħwejjeġ ta' devozzjoni popolari. Nafu li għar-Rabat, in-nies tal-Għasri bi ħġarha kienet tippreferi t-triq ta' Wied Sara. It-*Triq ta' Fuq* jew ta' *Fuq l-Arkata,* jiġifieri dik li ngħaddu minnha llum, minħabba li kienet diżabitatà, kienet miżmuma b'waħxija. Allura min jaf hux għalhekk is-salib tniżżel Wied Sara, biex forsi jkun aktar milħuq u ffrekwentat min-nies!

*ii)* Salib tal-ġebel fuq kolonna wieqfa fuq tliet tarġiet ***(ara ritratt nru 5).*** Dan is-salib jinsab eżatt quddiem il-Knisja tal-Wied. Bħalu f'Għawdex insibu diversi oħrajn; kollha quddiem xi knisja. Hemm aktar minn teorija waħda dwar l-iskop tat-twaqqif tagħhom. L-aktar raġuni plawsibbli li smajt kienet li twaqqfu biex jindikaw il-preżenza ta' xi midfen, fil-qrib. Jekk inhu tassew hekk, għandna naħsbu li allura, das-salib ilu wieqaf hemm sa minn ċirka nofs is-seklu tmintax (1750 +). Qiegħed nagħmel din l-asserzjoni minħabba li l-permess għall-bini ta' ċimiterju f'Tal-Patroċinju ħareġ fl-1 ta' Settembru 1754. Madankollu, graffit fil-pedestallata tal-kolonna tas-salib attwali jurina d-data 1836. Din l-annata tista' tfisser it-twaqqif tas-salib attwali, imma mhux bilfors li qablu ma kienx hemm oħrajn!

*iii)* Bassoriljev tal-metal b'salib grieg fil-Knisja tal-Patroċinju. Dan is-salib, bi skrizzjoni li tiċċirkula miegħu; speċi ta' medaljun, b'dijametru ta' ċirka 20 ċentimetru jfakkar il-Konsagrazzjoni tas-Seklu Għoxrin lil Ġesù Redentur. Is-slaleb kienu manufatturati l-Italja u minnhom kien ingħata wieħed lil kull knisja Sagramentali fiż-żewġ gżejjer biex jitwaħħal fuq ġewwa qrib il-bieb prinċipali. Is-slaleb kienu waslu Għawdex fit-2 ta' Frar 1901.(9)

## Is-Salib tal-Kleru

Is-Salib tal-Kleru hu xi ħaġa komuni għal kull knisja. L-ewwel darba li fl-istorja tal-Knisja nsibu msemmi l-użu tas-salib f'purċissjoni hu fi żmien San Ġwann Griżosmu (347-407), isqof ta' Konstantinopli, meta biex ixejjen il-propaganda tal-Arjani (kienu jiċħdu li Kristu hu Iben ta' Alla) organizza fil-belt purċissjoni li fiha ġew merfugħa għadd ta' slaleb tal-fidda, b'żewġ xemgħat jixgħelu ma' ġenb kull salib biex tiġbed l-attenzjoni tan-nies għall-perikolu tal-Arjaneżmu u kienet l-imperatriċi stess li rregalat lil San Ġwann is-slaleb għall-purċissjoni li ried jorganizza.

Fis-seklu sitta nsibu msemmijin slaleb għall-idejn, imma dawn aktarx kienu relikwiji tal-qaddisin, f'sura ta' salib. Iżda kien dan iż-żmien li fi Franza bdiet dieħla d-drawwa li kull darba li l-isqof joħroġ, ikun hemm quddiemu ministru jerfa' salib.

Meta l-Papa Ġwanni I (523-526) mar Kostantinopli, kitba ta' dak iż-żmien tgħidilna li n-nies kollha tal-belt marru jilqgħuh, b'għadd ta' slaleb merfugħin quddiemhom; l-istess ġara meta l-Papa Stiefnu II (III) (752-757) fis-sena 754 reġa' lura Ruma minn Franza – in-nies marru jilqgħuh b'għadd ta' slaleb merfugħin quddiemhom.



Dawn is-slaleb tar-Rumani aktarx kienu l-istandardi tas-seba' taqsimiet tal-belt. Meta t-taqsimiet saru tnax, l-għadd tas-slaleb mhux talli ma żdiedx, tant li ma baqgħux jintużaw. Flokhom kull taqsima tal-belt kellha l-bandalora tagħha u f'kull purċissjoni kienu jimxu wara salib waħdieni li kien jiftaħ il-purċissjoni.

Karlu l-Kbir (Charlemagne: 742-814) lill-Papa San Iljun III (795-816) li kien inkurunah imperatur, fil-Milied Imqaddes tas-sena 800, kien irregalalu salib kollu ġawhar biex jintuża fil-purċissjonijiet; kien jintrefa' quddiem il-Papa kull darba li kien joħroġ, u mgħandux x'jaqsam mas-seba' slaleb ta' kull taqsima tal-belt li wkoll kienu joħorġuhom fil-purċissjonijiet. Għalhekk nistgħu ngħidu li dak iż-żmien il-papa kellu l-privileġġ li quddiemu jintrefa' salib proċessjonali u fiż-żmien li l-użi tal-knisja ta' Ruma bdew jiġu kkupjati fi Franza u fil-Ġermanja. L-isqfijiet ta' dawn il-pajjiżi daħħlu d-drawwa li jkollhom salib proċessjonali merfugħ quddiemhom. Fl-Italja dan il-privileġġ kien jingħata biss mill-Papa lill-arċisqfijiet li kienu jirċievu l-pallju, għax kienu b'hekk jitqiesu bħala legati tiegħu.

Biż-żmien, is-Salib Proċessjonali, li oriġinalment kien biss privileġġ papali, beda jkun magħruf bħala s-Salib tal-Kleru u perkonsegwenza sab postu f'kull lok qaddis fejn ikun prattikat il-Kult Divin. Bħala liġi ġenerali fil-purċissjonijiet għandu jkun hemm Salib tal-Kleru wieħed, b'mod li meta jieħu sehem il-Kapitlu tal-Katidral, is-salib dejjem għandu jkun ta' dik il-Knisja. F'każ li l-Kapitlu tal-Katidral ma jkunx qed jieħu sehem, is-Salib tal-Kleru għandu jkun ta' dik il-knisja li minnha toħroġ il-purċissjoni (**S**[agra] **K**[ongregazzjoni] tar-**R**[iti]: *digriet nru 3144, ad 3).*

Għal xi raġuni jew oħra matul iż-żmien f'xi purċissjonijiet, fosthom dik ta' San Girgor, li allura kienet issir mill-Katidral għal Ta' Kerċem, bdew jittieħdu aktar minn Salib tal-Kleru wieħed. Anzi kull parroċċa li titwaqqaf bdiet hi wkoll tieħu s-Salib tal-Kleru tagħha. Għaldaqstant, minkejja li baqgħu ttollerati, biex ikun eliminat kull ekwivoku, ingħatat l-ordni li s-slaleb tal-parroċċi jkollhom imwaħħal magħhom speċi ta' ċoff biex ikun hemm distinzjoni mhux biss minn dak tal-Katidral, imma wkoll minn dawk tar-reliġjużi li kienu obbligati jġibu l-bandalora mdendla mas-salib (SKR, *dig. nru 344).*

## Is-Slaleb tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja tal-Patroċinju, u tal-Parroċċa

Żewġ tużżani slaleb inċiżi fi plakek ċirkolari tar-rħam b'dijametru ta' ċirka 35 ċentimetru 'l waħda. Dawk tal-Patroċinju, tnax b'kollox (għax jikkommemoraw l-Appostli), juru salib latin ta' lewn abjad fuq sfond ħamrani. Iżżanżnu nhar 10 ta' Mejju 1789 fl-okkażjoni tal-Konsagrazzjoni tal-Bażilika tal-Patroċinju mill-Isqof Vincenzo Labini.

Is-slaleb tal-konsagrazzjoni tal-knisja l-ġdida, illum dik parrokkjali, huma bojod ta' stil grieg inċiżi fuq art ħamra.(10) Iżżanżnu nhar id-9 ta' Jannar 1916 fl-okkażjoni tal-konsagrazzjoni tal-knisja mill-Isqof Gio Maria Camilleri. Kif jidher mil-lapida ta' tifkira ta' fuq il-Fonti tal-Magħmudija, dawn is-slaleb tħallsu mill-Kan. Dun Ġużepp Grech mill-Għasri (*in-Neputi:* 1871-1956). Dal-kompajżan ħallas ukoll l-ispejjeż kollha konnessi mal-funzjoni tal-konsagrazzjoni.(11)

## L-ewwel u l-aħħar kurċifiss li għamel *Wistinu* kienu għall-Għasri

Ir-raħal tagħna għandu għax tassew iħossu kburi, u fl-istess ħin ixxurtjat, li l-ewwel u l-aħħar kurċifiss li għamel iċ-ċelebri statwarju Għawdxi Wistin Camilleri (02 Mej 1885(12) - 04 Lul 1979)(13) kienu t-tnejn għall-Għasri. Għal Wistin Camilleri, ix-xogħol tal-kurċifissi kien ferm għal qalbu. Abel Giglio, superjur Malti tal-Museum, li lil Wistinu

kien jafu personalment, jgħid li: *"Wistin Camilleri kien artist kbir li jaħdem bil-qalb l-istatwi tiegħu, imma jidher li qatt ma ħadem b'daqstant imħabba u ħila daqs kemm meta kien jagħmel il-kurċifissi li, ta' bniedem reliġjuż li kien, qabel kien naqxu f'qalbu".*[14] *"Meta staqsejtu xi jħobb jaħdem l-iktar, qalli kurċifissi. 'Kurċifissi lanqas naf kemm għamilt. Malta jgħiduli* ***Wistinu tal-Kurċifissi****".*[15] San Ġorġ Preca wkoll kien sar jaf b'Wistin u billi x-xbieha tgħin l-immaġinazzjoni u hekk anki l-ispirtu, darba qallu: ***"Wistin, Alla lilek ħalqek għall-kurċifissi"****.*[16]

Dawn il-kummenti sbieħ għandhom għax tassew iħeġġuna napprezzaw bil-wisq aktar in-numru ġmielu ta' *Kurċifissi ta' Wistinu* li għandna l-Għasri. U x'sodisfazzjon għandu jkun għalina l-fatt li fil-parroċċa għandna l-ewwel u aħħar opri tiegħu. L-ewwel riferenza tagħna hija għal dak li hemm fl-Artal tal-Kurċifiss meqjum fil-Knisja Parrokkjali ***(ara ritratt nru 6)***. Dan il-kurċifiss, xogħol fin u artistiku fil-kartapesta, huwa magħruf bħala l-Kurċifiss tad-Depożizzjoni[17] li sar fl-1917 fi żmien il-Viċendarjat ta' Dun Karm Caruana. *"Nieħdu gost inħabbru illi l-istess Wistin Camilleri ħadem Kurċifiss għall-Knisja tal-Għasri, fejn din is-sena saret funzjoni ġdida u wisq tenera tad-depożizzjoni mis-salib, funzjoni li nixtiequ tiġi mdaħħla f'bosta Knejjes 'ilgħaliex hija waħda mill-iżjed ta' qsim il-qalb. Ix-xogħol ta' dan il-Kurċifiss sar bl-akbar reqqa u fih Wistin wera li hu mgħallem tassew li jħabbatha mal-aqwa mgħallmin ta' barra. Jixraq li jkollu inkuraġġament minn kullimkien għaliex jistħoqlu tassew u kull min tah kummissjonijiet ta' statwi ħareġ dejjem kuntent".*[18]

*"L-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri ħadem ħafna kurċifissi għall-knejjes f'Malta u f'Għawdex kif ukoll statwi tal-Passjoni. L-ewwel Kurċifiss kbir magħmul minnu kien għall-Knisja Parrokkjali* (fil-fatt kien għadha mhix parrokkjali) *tal-Għasri".* [19] F'intervista li l-imsemmi statwarju għogbu jagħti lill-kappillan tagħna, Dun Ġużepp Mintoff (1969-1992), fi Frar 1971, hu stess ammetta miegħu li dan il-Kurċifiss kien l-ewwel wieħed li ħadem ta' dak id-daqs. Biex esegwieh ħtieġlu jagħmel forma għal t'apposta. Fl-istess intervista Wistin Camilleri esprima l-ferħ tiegħu għall-fatt li dan il-Kurċifiss huwa wieħed mill-aktar li rnexxew u kull meta jarah iħoss sodisfazzjon kbir.[20] Din l-opra artistika u devota qamet madwar £15 (€34.94) u l-benefattriċi kienet il-Familja Mizzi *(tal-Kelba)* ta' Triq il-Wilġa.

Wara dan il-Kurċifiss hemm storja mill-aktar kurjuża u interessanti. Ċerta xbejba żvinturata, Marija Mizzi (1875-1914) bint Toni (1837-1913) u Roża xebba Camilleri (1852-1916), jum minnhom, waqt li bħas-soltu kienet qed tinnavika mal-bhejjem, qalgħet daqqa ta' qarn ta' baqra li kkaġunatilha dannu mhux żgħir għal saħħitha. L-imsejkna tfajla, magħdura kif kienet, hemm weħidha fil-maqjel, mingħajr għajjut ta' ħadd, dlonk daret lejn il-Ħallieq. Wegħditu li jekk jogħġbu jroddilha l-fejqan, hi kienet lesta tikkummissjona kurċifiss għall-knisja l-ġdida tal-Għasri li allura b'tant sagrifiċċju kien għadha qed tinbena. Il-grazzja tant mixtieqa nqalgħet u Marija wriet ix-xewqa ma' tad-dar li l-wegħda tkompliha.

Imma bħalma jgħidu: l-għali jkun imsiefer. L-iżvintura ma tafx b'limti. Nhar it-Tnejn, 24 ta' Awwissu 1914, għodu għodu, qabel tikkarġa x-xemx, Marija Mizzi marret il-wilġa li kellhom mad-dar biex issaqqi xi ħxejjex tal-bikri. Fl-għalqa kien hemm bir b'tarjola fuqu li, f'waqt minnhom, meta kienet terfa' l-ilma, it-tarjola tinqata' mix-xidi (l-għollieqa minn fejn tissensel it-tarjola) u b'saħħa kbira tolqotha fuq rasha. Bid-daqqa ta' dik iċ-ċappa ħadid, intilfet minn sensiha, u hekk kif kienet ġa milwija fuq il-ħerża tistenna taqbad is-satal mimli bl-ilma, tilfet il-bilanċ u baqgħet nieżla fil-bir fejn tilfet ħajjitha. Kien fiha ħasra. Imsejkna ma kellhiex għajr biss 39 sena.



5



6



7



8

Did-diżgrazzja li laqtet lil oħthom il-kbira, lill-Familja Mizzi qatgħathom minn ġewwa. Bilkemm kien għadu nixef id-dmugħ minn għajnejhom wara l-mewt ta' missierhom Toni ftit aktar minn għaxar xhur biss qabel, li ma reġax żarhom il-gwaj. U la tiġi tiġi, ifttħilha l-bieb, bħalma jgħid il-qawl, għax f'inqas minn għoxrin xahar wara, qalbha magħsura bid-dulur ta' bintha, mietet ukoll ommhom Roża.

Tlett imwiet f'sentejn u nofs qishom kienu wisq għall-familja Mizzi tant li l-wegħda ta' oħthom Marija li tagħmel kurċifiss għall-knisja l-ġdida tal-Għasri, kienet ittraskurata jew li ħarġet minn moħħhom għal kollox. Imma kif kien iħobb jgħid il-Viċendarju Dun Karm Caruana: "Alla għall-bżonn jagħmel miraklu".

Meta mietet Marija Mizzi, Dun Karm ġa kien ilu l-Għasri madwar tliet snin u għalhekk liż-żagħżugħa kien jafha sewwa. Jum fost l-oħrajn, x'aktarx wara l-mewt ta' ommha sewwa, Marija jingħad li dehret lill-Viċendarju u talbitu jintervieni ma' ħutha biex ifakkarhom fil-wegħda solenni li hija kienet għamlet meta kienet għadha magħhom. Nifhem li l-Viċendarju ma tilifx żmien biex jikkomunika lill-aħwa Mizzi x-xewqa ta' oħthom il-mejta, kif naħseb li lanqas tilfu żmien huma biex minnaħa tagħhom jaderixxu għall-wegħda tagħha. Il-fatti kif żviluppaw huma prova t'hekk.

Ir-riferenza tagħna għall-aħħar kurċifiss maħdum minn Wistin Camilleri u li jinsab ukoll l-Għasri hija għal dak li jintrama' fil-Knisja Bażilika tal-Patroċinju għal żmien ir-Randan ***(ara ritratt nru 7).*** Dan il-kurċifiss tal-kartapesta sar fuq kummissjoni tar-Rettur Dun Ġużepp Zammit ftit nett qabel l-1977 meta allura l-imsemmi statwarju kien ġa jgħodd 92 sena. Kien l-aħħar wieħed fil-karriera twila u llustri tiegħu ta' statwarju.

Nitlob lin-nies tal-Għasri, tal-lum u tal-futur, biex għalkemm hu twil iż-żmien, fost l-oħrajn kollha, dawn iż-żewġ kurċifissi, jieħdu tagħhom kura partikolari. Dawn iż-żewġ teżori, barra mill-valur intrinsiku: devozzjonali u artistiku, għandhom ukoll valur sentimentali qawwi, dak li huma tal-ewwel u tal-aħħar ta' Wistin Camilleri, dak l-Għawdxi kbir, li bħalma stqarr San Ġorġ Preca, Alla ħalqu għall-kurċifissi.

### Kurċifissi oħra *ta' Wistinu* fl-Għasri

Raħalna huwa ffortunat li jippossiedi numru ġmielu ta' kurċifissi tal-istatwarju Wistin Camilleri. Barra mit-tnejn li għadna kemm semmejna, insibu ħamsa oħra:

*i)* f'tal-Patroċinju esegwit bejn l-1921 u l-1924 fi żmien ir-Rettorat ta' Dun Ġużepp Galea *(ta' Ċombinu:* 1911-1925*)* u li preżentement jinsab meqjum fis-sagristija tal-Knisja Parrokkjali ***(ara ritratt nru 8).*** Ta' kull sena, sa minn tard is-snin tletinijiet tas-seklu għoxrin, dan il-Kurċifiss kien beda jittella' fil-Parroċċa għall-funzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa. Meta kmieni fis-snin ħamsinijiet, *f'tal-Wied* saret in-niċċa tal-Madonna ta' Fatima, dan il-Kurċifiss baqa' fil-Parroċċa għal kollox għax bi skuża jew oħra baqgħu ma sabulux post alternattiv.

Fi żmien il-kwistjoni politiko-reliġjuża tas-sittinijiet tas-seklu l-ieħor, dan il-Kurċifiss intuża f'attività parrokkjali li, skont diversi nies, aktar saret b'motivi ta' politika partiġġjana milli b'mod reliġjuż. Il-Kurċifiss ittieħed f'maħżen tal-ġwież ħdejn il-*polling booth* u miegħu allegatament twaħħlet tabella li tgħid: "Għaliex ser tivvota kontra tiegħi?" L-Avukat Dr Herbert Ganado, li sar konxju minn dal-fatt meta rah stampat f'*panphlet*, fil-famuża bijografija tiegħu: *"Rajt Malta Tinbidel"* jgħid li: "jekk l-informazzjoni tiegħu hi eżatta, turi abbuż kbir u melodrammatiku li jagħmel ħsara lid-dinjità tar-reliġjon, għad li dik kienet battalja reliġjuża".(21)

*ii)* kurċifiss tal-kartapesta bi Kristu Mejjet; ta' daqs mezzan, prinċipalment utilizzat fil-Ġimgħa l-Kbira waqt il-funzjoni tal-'Bews tas-Salib' ***(ara ritratt nru 9).***

*iii)* tal-Fratellanza tas-Sagrament, tal-kartapesta, bi Kristu Mejjet; sar ċirka t-twaqqif tal-parroċċa ***(ara ritratt nru 10).*** Il-benefattur tiegħu, u għalhekk bid-dritt li jagħmlu waqt il-purċissjonijiet, kien Frenċ Zammit (*il-Feles tad-Dejx:* 1874-1942). Meta miet wirtu neputih, Ġużepp Zammit *(il-Basli: 1888-1964).* Ir-Rettur tat-tali Fratellanza kien Ġużepp Galea *(Marċell: 1883-1968)* u bħala tali kellu medaljun kbir.

*iv)* tal-Fratellanza tar-Rużarju (imwaqqfa kanonikament fil-21 ta' Settembru 1930); dak li fit-truf għandu ornamenti arġentati ***(ara ritratt nru 11).*** Il-benefattur tiegħu kien Ġużepp Mintoff *(il-Ġus tal-Munit:* 1900-1975). Il-Kan. Dun Ġużepp Zammit jgħid li r-Rettur ta' din il-Fratellanza, Ġużepp Galea (*il-Kiljatur ta' Ġorġ tal-Merkant:* 1885-1960), ma jiftakarx li qatt kellu medaljun kbir. [(22)]

*v)* tal-Museum tal-Għasri: xogħol fil-kartapesta ta' ċirka l-1963 meta bħala Assistent kien hawn Joseph Said, mix-Xagħra. Meta l-Museum tal-Għasri għal xi żmien ma baqax jiffunzjona, jew ma kienx jiffunzjona b'mod sħiħ, il-Kurċifiss ittieħed il-Museum tax-Xagħra bil-patt u l-kundizzjoni li meta l-affarijiet jiġu għan-normal, kellu jiġi rritornat lura, kif fil-fatt ġara meta kien il-każ. Fl-2007, il-korp tal-Kurċifiss ingħamel bħala titular tal-Kappella l-ġdida; kappella inawgurata u mbierka mill-Isqof Mario Grech nhar l-24 ta' Awwissu 2007 ***(ara ritratt nru 12).***

## Is-salib tal-frontispizju tal-Knisja Parrokkjali

Is-salib preżenti tal-frontispizju huwa t-tielet wieħed minn kemm ilha li nbniet l-knisja. L-ewwel salib kien tal-injam ***(ara ritratt nru 13)*** maħdum mill-aħwa Mercieca tal-Qala; dawk l-istess mastrudaxxi li ħadmu wkoll il-bieb il-kbir tal-knisja. Huwa maħsub li sar l-aħħar ħaġa, eżatt qabel il-konsagrazzjoni, nhar id-9 ta' Jannar 1916. L-intenzjoni tal-Viċendarju Dun Karm Caruana kienet li flok salib normali jagħmel Anġlu jżomm l-Isfera fuq rasu u ġa kien ħaseb għall-abbozz. Il-Kan. Dun Ġużepp Zammit jiftakar dan l-abbozz fi speċi ta' niċċa fil-ħajt tal-indrata tad-Dar Kanonika.[(23)] L-abbozz kien tat-tafal u x'aktarx kien xogħol ta' Ġużeppi Agius (*il-Brejbex:*1893-1948). F'Marzu 1947, mat-tali salib twaħħlet kalamita biex tinterċetta s-sajjetti qabel ma' Alla ħares qatt xi waħda minnhom tista' taħbat mal-knisja bil-konsegwenzi devastanti kollha li taf tikkawża. Dak iż-żmien il-koppla kienet għadha ma nbnietx. Il-kalamita kienet tibqa' nieżla għal ġol-ġibjun misterjuż ta' taħt il-pjazza: ġibjun jew kompless troglodit ta' żmien il-qedem li xi darba jimmeritah skavi bil-galbu min-nies tal-mestier.

Is-salib tal-injam, li min-naħa ta' wara kien mirfud bi stanga tal-ħadid, biż-żmien faqa' l-pedestallata li fiha kien imwaħħal. F'ċirka l-1955, allura fi żmien il-parrokat ta' Dun Karm Vella, dan inbidel ma' ieħor ta' *concrete* rinforzat bit-tama li jservi aktar. Imma xejn m'hu etern, u anki dan, biż-żmien, hekk espost għall-elementi, żviluppatlu ħsara strutturali b'mod li kellu jinbidel: *"Is-salib li kien hemm, ukoll tas-siment, kien maqsum minn żewġ bnadi, u kien fil-periklu li jaqa' ..."*[(24)] Is-salib il-ġdid, salib tal-mużajk, it-tielet wieħed, tqiegħed fuq il-frontispizju nhar it-Tnejn 19 ta' Jannar 1976, allura ftit aktar minn 60 sena wara li kien tpoġġa l-ewwel wieħed.

## Is-slaleb tal-kampnari u tal-koppla

Il-kampnari nbnew żmien wara l-konsagrazzjoni tal-knisja. Wieħed inbena fi żmien il-Viċendarju Dun Karm Caruana u l-ieħor fi żmien l-ewwel Kappillan, Dun Ġużepp



9



10



11



12

Galea. Il-bennej kien Żeppu Azzopardi (*tal-Bies*: 1867-1946) mix-Xagħra. Is-slaleb ta' fuq il-piramidi, jew il-pilandri tal-kampnari kif insibuha hawn l-Għasri, kienu tal-metall u nħadmu d-*Dockyard.* Il-forma tagħhom kienet ta' Salib tal-Kavallieri.

Biż-żmien iddeterjoraw tant li kienu qed jaqgħu biċċiet. Ċirka l-1944, il-Kappillan Dun Manwel Xerri ordna li jitneħħew għax kienu qed jagħtu dehra ta' żdingar u jbaxxu ġieħ il-parroċċa. Minflok ordna żewġ pinnuri ta' klassi li swew £25 (€58.23); dak iż-żmien somma konsiderevolment imdaqqsa! Fir-reġistru tad-Dħul u l-Ħruġ insibuhom irreġistrati taħt id-data tad-9 ta' Settembru 1946. Fl-4 ta' Mejju 2003, il-pniener inqalgħu biex jiġu rrestawrati u reġgħu tpoġġew lura f'posthom nhar is-Sibt, 12 ta' Settembru 2009.

Il-koppla nbniet bejn is-17 ta' Lulju 1950 u t-13 ta' Ġunju 1951. Kienet inawgurata uffiċċjalment nhar it-3 ta' Jannar 1954. Is-salib inniffsu hu ta' irħam abjad, kollox biċċa waħda, u nħadem mill-marmista/Ditta Bonavia ***(ara ritratt nru 14)***; dik l-istess ditta li fl-1942 ħadmet il-paviment tal-knisja. Għas-salib u t-trasport tiegħu l-Parroċċa ħallset £16.10s. (€38.43); fuq ir-reġistru tal-Ħruġ dal-ħlas jinsab irreġistrat taħt it-22 ta' Novembru 1951.

Il-Kan. Dun Ġużepp Zammit jgħid li meta ġabu s-salib tal-koppla minn Malta, poġġewh fis-sagristija. Dirgħajn is-salib fihom erba' pulzieri b'erbgħa (10 x 10 ċm.) u t-tul tiegħu, bit-taqbid b'kollox, fih inqas minn statura ta' bniedem. (25)

It-twaqqif tas-salib sar mingħajr ebda formalità mill-gaj tal-bajjada ta' Karmnu Falzon (*ta' Fenka*, mir-Rabat) li kienu nkarigati mit-tikħil tal-koppla. Ċertu Toni Formosa (*ta' Ġamri tal-Mitħna*, mir-Rabat), wieħed mill-bajjada, kien jakkredità lilu nnifsu bħala dak li tella' s-salib tal-koppla tal-Għasri f'postu.(26)

Il-Malti għandu idjoma li tgħid li: "Fejn ifittxek isibek" ... u hekk hu! Minkejja li dan Toni min jaf kemm espona ruħu għall-periklu waqt ix-xogħol tat-tikħil tal-koppla tal-Għasri, u f'postijiet skrabrużi oħra, u qatt ma korra, hu xorta kellu jispiċċa ħażin. Kien ix-Xatt, l-Imġarr, u aċċidentalment waqa' l-baħar bil-karrozza b'kollox minn għoli ta' forsi metru, fejn imsejken tilef ħajtu mgħarraq!

### Il-Kurċifiss ta' Għammar

Il-lok fejn twaqqaf il-Kurċifiss kien identifikat minn Frenċ Mercieca (tal-Għarb: 1892-1967) u mill-Kan. Prof. Dr. Amante Buontempo (1920-2004), Vigarju Kurat Perpetwu tal-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta. Dik il-ħabta, il-Kan. Buontempo kien imsieħeb f'għaqda spiritwali ma' ċertu Ko-Operatur Museumin, Lewis Endrich, li n-nies kienet tirreferi għalih bħala s-Superjur tal-Museum.

Kien il-Ħadd, x'aktarx is-17 ta' Diċembru 1961, ftit qabel nofs in-nhar, u fuq ta' Għammar kien hemm numru mdaqqas ta' nies, fosthom jien li qed nikteb, u għalhekk dak li ser ngħid naħilfu quddiem Alla l-Imbierek li għad irid jiġġudikani, u quddiem il-bnedmin. Frenċ tal-Għarb u l-Kanonku Buontempo megħjuna minn dawk preżenti, fil-post indikat minnhom, għamilna ċirku tond biż-żrar tal-maskan (ġebel żgħir tas-sejjiegħ); ġebla ħada ġebla. F'ħin minnhom wara li diġa' kienet saret ir-reċita tar-Ružarju u ntqal xi talb ieħor, ħabta tal-11.00 a.m., Frenċ talab lil kulħadd jinżel għarkubbtejh biex nirċievu l-Barka tal-Madonna. Għall-kelma ta' Frenċ kulħadd niżel għarkubbtejh u mis-sema diefi niżlu qtajriet ta' xita fuq il-miġemgħa, fosthom uħud mill-Għasri. Bħala rikordju ta' dal-fenomenu, xi wħud ħadu magħhom xi żrariet minn dawk li tniddew b'dawk il-qtajriet tax-xita, jew bil-Barka tal-Vergni Mqaddsa, kulħadd jinterpretaha kif jifhem hu.

"Qabel ma niżel minn hemm fuq, Frenċ ħaffer ħofra kbira biex x'ħin jitilgħu dawk li kellhom igħinuh isibuha mhejjija. Fil-21 ta' Diċembru 1961, ġie mtella' salib fuq il-għolja".[27] Ix-xbieha ta' Kristu ġiet imsammra fuq żewġt izkuk maqtugħa minn siġra taż-żebbug li tinsab f'għalqa fejn il-Loġoġ, aħna u deħlin Ta' Pinu ***(ara ritratt nru 15)***. Aktar tard dan il-Kurċifiss devot ġie mdawwar b'kanċell tal-ħadid u maqful b'katnazz.[28]

Dwar fost l-oħrajn it-twaqqif ta' dan il-Kurċifiss fuq l-għolja ta' Għammar kien kitbilna b'mod esklussiv, għal ***IL-KORPUS***, il-Kan. Buontempo nniffsu: "Fit-12 ta' Diċembru 1961 kelli laqgħa waħdi ta' siegħa mal-Isqof Pace. Fiha tani l-permess biex inbierek dak il-kurċifiss, li konna se nqiegħdu fuq l-Għolja ta' Għammar. Għandi mniżżel ukoll li ma' Endrich u sħabna morna Għawdex biex nagħmlu ċ-ċerimonja tat-tqegħid u tal-barka tal-kurċifiss, li saret waqt laqgħa straordinarja fil-21 ta' Diċembru 1961. Il-ħin kien bejn nofsillejl u s-2 a.m. Dan is-salib żgħir li miegħu kien hemm xbieha tal-Madonna ... illum jinsab f'xi rokna tas-Santwarju Ta' Pinu."[29]

## Is-Salib ta' Għammar

Salib ta' konkrit rinfurzat fuq l-għolja ta' Għammar: "Fuq il-muntanja ta' Għammar bejn l-Għasri u l-Għarb, għadu kemm twaqqaf Salib kbir tal-*concrete* bit-tħabrik tal-Kummissarju ta' Għawdex, is-Sur Henry Fiteni. Dan is-salib huwa għoli 25 pied". [30] Sewa £325 u kien inawgurat fl-24 ta' Settembru tal-istess sena.

Billi l-inawgurazzjoni tiegħu ġiet tlett ijiem biss wara li Malta kisbet l-Indipendenza tagħha mill-Ingilterra, b'mod żbaljat, ħafna bdew jassoċjawh mat-tali okkażjoni. Meta kmieni fis-snin sebgħinijiet tas-seklu l-ieħor saret il-*Via Sagra* mal-għolja, das-salib sar jifforma parti integrali mit-tnax-l istazzjon: "Ġesù fi ħdan Ommu Marija".

Biż-żmien, is-salib, hekk espost għall-elementi tan-natura kien iddeterjora sħiħ, imma fl-1998 kien irrestawrat bit-tħabrik tar-Rettur tas-Santwarju Ta' Pinu, Dun Beneditt Camilleri. Għall-okkażjoni tal-Festa ta' Santa Marija, fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' Awwissu 1998, is-salib ġie għall-ewwel darba mixgħul bid-dawl eletriku.

## Slaleb proviżorji tal-Via Sagra f'ta' Għammar

F'Diċembru 1961 jew l-aktar l-aktar Jannar 1962, fil-Kurja tal-Isqof ta' Għawdex saret laqgħa bejn l-Isqof Ġużeppi Pace u delegazzjoni żgħira mmexxija mill-Kan. Amante Buontempo li sa minn xi żmien qabel kien rabat qalbu mal-għolja ta' Għammar. Hu, flimkien ma' fost l-oħrajn Lewis Endrich u Dun Anton Xiberras tan-Naxxar kienu jiffrekwentaw l-għolja biex jgħidu r-Rużarju u jagħmlu l-Via Sagra huma u telgħin.

Fl-imsemmija laqgħa, il-Kan. A. Buontempo wera x-xewqtu mal-Isqof Pace li tinbena kappella fuq l-għolja. Il-Kanonku jgħid li għat-tali talba, l-Isqof wieġeb b'dan il-klien preċiż: "Kappella ma ntikomx, għax ma rridx li jkun hemm knisja quddiem oħra. Taf x'nagħtikom! Nagħtikom li tagħmlu *Via Sagra*".[31]

Minn hawn bdiet il-ħidma ta' Frenċ tal-Għarb, l-aktar bil-ġbir tal-fondi, li kkonvinċa ruħu li, wara kollox, kien l-Isqof innifsu li ssuġġerixxa l-*Via Sagra* fit-telgħa ta' Għammar. Fl-1966, Dun Ġużepp Saliba (*tal-Bejżu*: 1933-....) miż-Żebbuġ, Għawdex, bħala ħabib ta' Frenċ tal-Għarb, insista mal-Isqof Pace biex jitbierku numru ta' Slaleb tal-injam biex jitqiegħdu flok fejn kellhom jitwaqqfu l-istazzjonijiet tal-*Via Sagra* f'ta' Għammar.[32] Dun Ġużepp wassal is-slaleb fil-pjazza Ta' Pinu, fejn kienu mbierka mill-Isqof Pace nhar it-3 ta' Novembru 1966.


13



14


15


16

F'Mejju 1967, bil-għajnuna tal-imsemmi Dun Ġużepp, is-slaleb tpoġġew f'posthom ***(ara ritratt nru 16)***. F'idejh ukoll kien fdat ix-xogħol kollu biex jinħadem salib fuq pedestall tal-ġebel mibni apposta bi plakka *Offerti għall-Via Sagra*, inċiża b'idejh stess.

F'ġurnal nazzjonali kontemporanju naqraw: "Salib kbir tal-koncrete fuq l-għolja ta' Għammar issa ilu ftit li twaħħal imma f'dawn il-ġranet tpoġġew tlettax-il salib tal-injam oħra fuq pedestall tal-ġebel tul il-passaġġ imħarbat u mimli tbatija ta' din l-għolja. F'dal-post ta' sikwit tilmaħ telgħin tul il-ġurnata Għawdxin jitolbu.

Flok dawn is-slaleb 'il quddiem hu pproġettat li jsiru statwi tal-erbatax-il stazzjon tal-*Via Sagra*. L-ewwel salib tpoġġa eżatt fil-bidu tal-pjazza Ta' Pinu għax l-għolja ta' Għammar taħbat fuq ir-riħ tas-Santwarju Nazzjonali ta' Għawdex li lejh Frenċ tal-Għarb kellu devozzjoni speċjali". [33]

**Is-Salib tal-Bażilika**

Salib Papali fuq il-frontispizju tal-Knisja Bażilika tal-Madonna tal-Patroċinju, imwaqqaf fl-2008 flok ieħor latin li dejjem kellha sa dak in-nhar. Hija ħaġa kurjuża għall-aħħar kif minkejja li din il-knisja dejjem kienet rikonoxxuta bħala Bażilika, kemm b'mod popolari u kemm f'dokumenti uffiċċjali tal-Knisja, kellha ddum daqstant biex tibda ġġib dan id-distintiv prestiġġjuż. Knisja b'titlu ta' Bażilika mhux bilfors li trid iġġib is-Salib Papali; difatti l-erba' Bażiliki Maġġuri ta' Ruma, fil-fatt m'għandhomx dat-tip ta' salib!

**Is-Salib tas-Salvatur**

Salib f'idejn l-istatwa titulari ta' Kristu Ewkaristiku Salvatur. Is-salib, maħdum fl-injam tal-ġews b'sengħa u perfezzjoni kbira, huwa xogħol iż-żagħżugħ Karistu Mintoff ***(ara ritratt)*** ta' Triq il-Knisja; tlesta nhar it-12 ta' Settembru 1982 u kien inawgurat u mbierek flimkien mal-istatwa nnifisha nhar id-19 ta' Settembru tal-istess sena.



## Konklużjoni

J'Alla din il-kitba sservi mhux biss biex tkattar l-għarfien kulturali u għall-apprezzament aħjar tal-patrimonju artistiku tagħna, imma wkoll biex nagħrfu norbtu s-slaleb tal-ħajja mat-tbatija ta' Kristu fuq is-Salib Imqaddes. Veru li eħfef tgħid jew tagħmel, għax waqt il-prova kollox ... imma almenu nippruvaw!

**Riferenzi:**


1: *Ichthys* – ħuta bil-Grieg. L-ewlenin Insara kienu jużaw is-simblu tal-ħuta minħabba li l-ittri ta' dil-kelma Griega jiffurmaw akronimu tal-kelmiet: **Ġesù Kristu, Iben ta' Alla, Salvatur**.

2: Fil-Malti teżisti l-konswetudni li dak li jgħodd inqas minn mitt sena huwa riferut bħala **'qadim'**, waqt li dak li jgħodd mitt sena u aktar, nirreferu għalih bħala **'antik'**.

3: Kurċifiss jista' jkun bi Kristu Agonizzant jew Kristu Mejjet. Id-differenza bejniethom hija ovvja u tingħaraf faċilment: waqt li f'tal-ewwel il-korp ikun ippreżentat bir-ras għadha mgħollija; f'tat-tieni, din tkun mitluqa għal fuq is-sider.

4: Informazzjoni telefonika mill-Kan. Dun Ġużepp Zammit nhar l-10 ta' Diċembru 2009.

5: Informazzjoni bil-fomm minn Ċetta Vella neè Saliba ta' Triq il-Knisja nhar it-2 ta' Diċembru 1990.

6: *Leħen mill-Wied*, is-Seba' Sena, Ottubru 1978, nru 2, p. 2.
***Nota:*** Appena tneħħa, il-konfessjonarju ttieħed biex jintrefa' f'*garage* privat fi Triq il-Fanal. Biż-żmien, l-ingombru tiegħu lis-sid dejqu u nhar id-29 ta' Diċembru 1993, tkisser għan-nar. Minnu kienet salvata biss is-santa li kien hemm fuq il-grada tal-qrar: Kurċifiss abjad u iswed li jinsab għand l-awtur ta' din il-kitba.

7: *Id-Devot ta' Marija,* Marzu 1896, p. 54.

8: Informazzjoni orali mgħoddija lili minn George Azzopardi awtur tal-ktieb: *The Extramural Necropolis of Gaulos*, Għawdex 2007, nhar il-5 ta' Jannar 2010.

9: *Id-Devot ta' Marija,* Marzu 1901, p. 62.

10: Interessanti ngħidu li ħafna mis-slaleb tal-konsagrazzjoni tal-knejjes huma ta' kulur abjad fuq sfond ħamrani. Din però mhix xi ħaġa tassattiva, kif lanqas hija li dawn iridu jkunu tar-rħam bilfors. Jistgħu jkunu wkoll tal-metall bħalma, pereżempju huma dawk li nsibu fis-Santwarju Nazzjonali Ta' Pinu.

11: *Id-Devot ta' Marija,* Frar 1916, pp. 30-31.

12: Arkivju Parrokkjali San Ġorġ, Victoria – Għawdex, *Liber Bapt.* vol. 12, *f.* 240. Ara wkoll Reġistru Pubbliku Għawdex, Att tat-Twelid nru 245/1885.

13: RPGħ, Att tal-Mewt nru 184/1979.

14: A. Giglio, *Żewġ Skulturi*, f'*Kalendarju Możewmin*, April 2000, nru 4, p.133.

15: J.X., *Il-Kavallier Wistinu Camilleri*, f'*Il-Ħajja f'Għawdex*, Mejju 1977, p. 5.

16: C. Bianchi, *"Alla ħalqek għall-Kurċifissi"*, f'*Il-Mument*, 12 ta' Lulju 1981, p. 19. Ara wkoll: A. Giglio, *Żewġ Skulturi*, f'*Kalendarju Możewmin*; op. cit.

17: Min jinteressah ikun jaf aktar dwar il-funzjoni għażiża u kommoventi tad-Depożizzjoni huwa mistieden jara: T. Calleja, *Il-Kurċifiss tad-Depożizzjoni tal-Għasri f'Għeluq il-75 Sena mill-Inawgurazzjoni Tiegħu*, f'*Il-Korpus* 9 (1992), pp. 14-17.

18: *Id-Devot ta' Marija*, Mejju 1917, pp. 78-79.

19: K. Apap, *L-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri*, f'*Il-Berqa*, 26 ta' Marzu, 1964; p. 3.

20: *Bullettin tal-Ħadd: Parroċċa tal-Għasri*, nru 49 (101) tat-28 ta' Frar 1971; it-tieni parti.

21: H. Ganado, *Rajt Malta Tinbidel*, Malta 1977, Vol. IV, p. 363. Ara wkoll: A. Gauci, *Ħwejjeġ li Rajna*, Għawdex 1981, l-Ewwel Ktieb, p. 233.

22: Informazzjoni telefonika mill-Kan. Dun Ġużepp Zammit nhar il-Ġimgħa, 10 ta' April 2009.

23: *Ibid.;* nhar id-29 ta' Mejju 2009.

24: *Bullettin tal-Ħadd: Parroċċa tal-Għasri*, 25 ta' Jannar 1976.

25: Informazzjoni telefonika mill-Kan. Dun Ġużepp Zammit nhar il-Ħamis, 4 ta' Marzu 2010.

26: Tagħrif bil-fomm minn Mons. Ġużeppi Gauci (Victoria) nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Marzu 2010.

27: A. Bonnici, *Ta' Għammàr – Il-Għolja tal-ħeġġa mrażżna*, fi *Frenċ tal-Għarb: 1892-1967;* Għawdex 1975, p. 65.

28: *Ibid.*; p. 107.

29: A. Buontempo, *Lewis Endrich u l-Għolja ta' Għammar fl-Għasri*, f'*Il-Korpus* 24 (2003), pp. 33-35.

30: *Għawdex*, 15 ta' April, 1964, p. 2.

31: A. Buontempo, *op. cit.* p. 35.

32: *The Maltese Herald, 5 ta' Ġunju 1984, p. 16.*

33: *Il-Berqa*, il-Ħamis, 1 ta' Ġunju 1967; p. 7.